**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IL-SEBA' LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 60– IT-TNEJN, 25 TA' JANNAR 2016 FIS-5.45PM**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

Preżenti

| | |
|---|---|
| Etienne Bonello Du Puis | Sindku (6.05pm) |
| Marica Bayliss | Viċi Sindku |
| Rita Saliba | Kunsillier |
| Joan Farrugia | Kunsillier |
| Dominic Cassar | Kunsillier |
| Neville Mallia | Kunsillier |
| Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

Skużati

| | |
|---|---|
| Malcolm Abdilla | Kunsillier |
| Trevor Fenech | Kunsillier |
| Mikhail Micallef | Kunsillier |

Assenti

| | |
|---|---|
| Miguel Galea Sillato | Ambaxxatur |

## 1 Approvazzjoni Minuti Numru 58

1.1 Ma kienx hemm korrezzjoni fil-minuti.

1.2 Is-Sinjura Marica Bayliss ipproponiet li jiġu approvati l-minuti. Is-Sinjura Rita Saliba ssekondat. Kien hemm qbil unanimu.

## 2 Punti mill-Minuti Numru 58

2.1 Rigward paragrafu 4.1 għandha tintbagħat ittra lill-Kuntrattur tal-Public Convenience biex jitwaħħlu l-holders tat-toilet paper, kif ukoll biex jinġibed l-attenzjoni li kien hemm drabi li l-bandiera ma ġietx imtella' jew tibqa' mtella' bil-lejl. Għandna nfakkaru wkoll li attendent għandu jkun hemm kull ħin.

2.2 Rigward paragrafu 5.1 il-Kunsill ġie nfurmat li diġà beda jiġi nstallat l-wifi l-ġodda imma għadhom mhux qed jaħdmu.

2.3 Rigward paragrafu 5.3 ġie innutat li x-xogħol għadu pendenti.

**3 Approvazzjoni Minuti Numru 59**

3.1 Ma kienx hemm korrezzjoni fil-minuti.

3.2 Is-Sur Dominic Cassar ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sinjura Rita Saliba ssekondat. Kien hemm qbil unanimu.

**4 Pagamenti Numru 52**

4.1 Is-Sur Dominic Cassar ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sinjura Marica Bayliss issekondat. Kien hemm qbil unanimu.

4.2 Kien hemm qbil unanimu ukoll li jitħallas il-kont pendenti ta' Louise Noir għall-ammont ta' 1164 Ewro. Is-Sinjura Joan Farrugia talbet biex l-istimi bhal dawn jigu diskussa fil-laqgħat tal-Kunsill.

Is-Sur Etienne Bonello Du Puis daħal għal-laqgħa fis-6.05pm.

**5 Korrispondenza**

5.1 Ġiet innutata l-applikazzjoni għal Group Health Insurance mill-AKL. Kien hemm qbil li ssir l-applikazzjoni.

5.2 Kien hemm diskussjoni rigward talba minn ħaddiem tal-Kunsill, Janika Baldacchino biex, minħabba raġunijiet partikolari, talbet biex tiġi kkumpensata għal vacation leave li ma ħaditx. Għal din is-sena biss, kien hemm qbil unanimu li tiġi aċċettata din it-talba.

5.3 Kien hemm diskussjoni rigward talba minn Pinto Cafè biex tiġi estiża l-bankina fi Triq in-Narċis u Misraħ Lourdes kif ukoll tiċċekken is-soft area biex ikunu jistgħu japplikaw għal tables and chairs. Wara diskussjoni, is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li tiġi aċċettata l-proposta li tiġi estiża l-bankina f' Misraħ Lourdes kif ukoll is-soft area bil-kundizzjonijiet li l-ispejjeż isir mill-applikant, il-bankina fi Triq in-Narċis ma tintmisx, il-gandot tal-ilma jiġi biss imsaqqaf u mhux imbiddel b'katusi, u l-applikant għandu d-dmir li jakkwista l-permessi neċessarji mill-awtoritajiet. Is-Sinjura Rita Saliba ssekondat. Kien hemm 4 favur (Etienne Bonello Du Puis, Rita Saliba, Dominic Cassar, Joan Farrugia) u 2 Kontra (Marica Bayliss u Neville Mallia).

5.4 Kien hemm qbil li doggie bin fi Triq Ta' Żwejt jiġi mċaqqlaq minħabba li hemm ieħor fil-viċinanzi.

5.5 Kien hemm diskussjoni dwar Memo 1/2016 rigward ir-rapport tal-NAO fuq il-Kunsilli. Il-Kunsill innota li r-rapport jinkludi numru ta' issues ta' accounting, affarjiet oħra li l-Kunsill qabel magħhom u indirizzahom immedjatament u issues oħra żgħar. Rigward il-Fixed Assets Register, il-Kunsill kien qabbad Kumpanija tal-Awdituri biex dan isir, imma rriżulta li kienet biċċa xogħol impossibbli li ssir. Għal din ir-raġuni, il-Kunsill għandu jirrikomanda li ssir cut off date u l-FAR issir minn ħames snin 'l hawn. Kien hemm qbil unanimu fuq dan.

**6 Komunikazzjoni mis-Sindku**

.

6.1 Kien hemm qbil li l-Laqgħa Annwali tal-Kunsill issir fit-8 ta' Frar fis-7.30 pm.

6.2 Kien hemm diskussjoni fuq il-website tal-Kunsill. Ġiet innutat li din baqgħet ma saritx. Ġie deċiż li din jieħu ħsiebha s-Segretarju Eżekuttiv.

6.3 Ġiet innutata t-talba mill-KAC biex issir Speed Display fi Triq tas-Sliema għall-vetturi li jkunu għaddejin. Din għandha sservi biex ikun hemm aktar kuxjenza minn dawk li jkunu qegħdin isuqu b'veloċità eċċessiva. Kien hemm qbil fuq dan.

6.4 Il-Kunsill ġie nfurmat li ġiet aċċettata l-applikazzjoni tal-Kunsill għar-restawr tal-Kappella ta' San Ġwann tal-Għorgħar. Diġà sar kuntatt mir-Restoration Unit tal-WD.

6.5 Il-Kunsill ġie nfurmat li saru diversi laqgħat mal-Uffiċjali tal-PARK rigward l-iskema Greening Urban Areas. Tqabbad espert tal-pjanti biex saret l-proposta tal-Kunsill.

6.6 Is-Sindku ppreżenta pjanta għall-proposta biex jiġi mibni mill-ġdid Misraħ il-Ward. Kien hemm qbil fuq din il-pjanta. Il-Perit tal-Kunsill għandu jagħmel stima u BOQ tax-xogħlijiet.

**7 Affarjiet Oħra**

7.1 Is-Sur Dominic Cassar tkellem fuq

7.1.1 Il-gazebos ta' Ġnien Santa Margerita li għandhom is-saqaf merri u perikoluż. Għandha tinġabar stima mill-kuntrattur tal-Kunsill biex dan jinbidel.

7.1.2 Talab biex kuntratturi li qed jaħdmu f'San Ġwann iħallsu depożitu mal-permess. Kien hemm qbil fuq dan.

7.1.3 Kien hemm qbil li ssir bollard fi Triq il-Lunzjata u tiġi rranġata oħra fl-istess triq.

7.1.4 Kien hemm talba għal un/loading bay fil-parti t'isfel fi Triq R Caruana Dingli. Ma kienx hemm qbil fuq din. Kien hemm talba wkoll biex Triq Ġużè Galea issir One way. Ma kienx hemm qbil fuq din.

7.1.5 Ġab għall-attenzjoni li TM għadha m'għamlitx il-marki tat-Toroq San Ġiljan u San Ġwann tal-Għorgħar. Għandha tintbagħat reminder lil TM fuq dan.

7.1.6 Ġab għall-attenzjoni li hemm bżonn xogħol ta' manutenzjoni fuq is-Safety Carpet ta' Ġnien Ta' Żwejt. Għandha tinġabar stima għal dan kif ukoll għal Ġnien G M Camilleri.

7.2 Is-Sinjura Marica Bayliss ġabet għall-attenzjoni tal-Kunsill li f'mezzi tal-media kien hemm dikjarazzjoni mill-Ministru Joe Mizzi li s-servizz f'San Ġwann mhux adekwat u għandha ssir laqgħa mal-Kunsill. Wara ħmistax-il ġurnata, din il-laqgħa għadha ma ġietx mitluba. Wara diskussjoni dwar id diffikultajiet li veramen qed isibu ir-residenti u l-istess kunsilliera kien hemm qbil unanimu li għandha tintbagħat komunikazzjoni lill-Ministru fuq dan.

7.2.1 Is-Sinjura Marica Bayliss ġabet għall-attenzjoni tal-Kunsill ukoll ir-risposta tal-Ministru Joe Mizzi għall-Mistoqsija Parlamentari rigward xogħol ta' tisbiħ f'San Ġwann. Hi qalet li hemm affarijiet li anqas ghandhom x jaqsmu ma San Gwann u ohrajn li mhux veru saru. Unanimament gie deċiż li tintalab kjarifika lill-Ministru fuq dan.

Is-Sur Neville Mallia skuża ruħu mil-laqgħa fit-7.45pm

7.2.2 Is-Sinjura Marica Bayliss ġabet għall-attenzjoni kulvert fi Triq it-Trunċiera t-Twila li għandu bżonn tindifa u jissewwa. Kien hemm qbil. Talbet ukoll biex issir laqgħa mal-GreenPak biex jinħoloq aktar inċentiva għall-hwienet biex dawn jirriċiklaw. Ġabet għall-attenzjoni li x-xogħol fuq l-Information Pack miexi tajjeb. Talbet ukoll li ssir Car Show fis-26 ta' Ġunju 2016. Bhala parti mll attivitajiet ta' jum san gwann

7.2.3 Is-Sinjura Marica Bayliss ipproponiet li tiġi inawgurata l-gaġġa tal-għasafar fi Triq R Caruana Dingli fit-3 ta' April 2016. Kien hemm qbil unanimu. Fakkret l-importanza li l-Kunsilliera jkunu preżenti waqt attivitajiet tal-Kunsill.

7.3 Is-Sinjura Joan Farrugia talbet biex tiġi eliminata siġra fi Triq Ibiskus minħabba li qegħda tagħmel ħsara f'propjetà privata. Għandha ssir talba lit tree permitting biex naraw tistax titnehha. Fakkret ukoll li għad hemm żewġ bozoz maqtugħin f'Misraħ Lewża. Talbet ukoll biex isir komunikazzjoni ma' GreenPak biex jiftakru japplikaw il-Breaks fuq l-iskips tar-reċiklaġġ.

7.4 Is-Sinjura Rita Saliba ġabet għall-attenzjoni li hemm min qed jingombra l-bankina fi Triq il-Kapuċċini. Għandu jsir rapport lill-Pulizija. Ġabet ukoll għall-attenzjoni tal-Kunsill li hemm siġra fi Triq il-Ġibjun li qed tagħmel ħsara fi propjetà privata. Għandha ssir talba lit-Tree permitting naraw tistax titnehha.

**8 Għeluq il-Laqgħa**

8.1 Il-laqgħa spiċċat fit-8.15pm. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 8 ta' Frar 2016 fil-5.30pm.

**Kurt Guillaumier**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Etienne Bonello Du Puis**
**Sindku**